# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)
## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 86/2018/1 MH**

**Illum, 14 ta' Settembru, 2018**

**Michael Portelli**

**Vs**

1. **Direttur Generali tal-Qorti;**
2. **Direttur Qrati Kriminali; u**
3. **l-Avukat Generali.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors datat 7 ta' Settembru, 2018, fejn intalab l-għoti tal-ħelsien mill-arrest tar-rikorrenti Micheal Portelli pendenti id-deċiżjoni finali tar-rikors kostituzzjonali preżenatat kontestwalment.

Rat id-digrieti tagħha tas-7 ta' Settembru, 2018[1].

[1] Folio 2 u 7.

Rat ir-risposti taż-żewġ intimati[2].

Semgħet it-trattazzjonijiet

**Ikkunsidrat:**

Illi ir-rimedju mitlub mir-rikorrenti Micheal Portelli huwa dak tramite proċedura *interim* pendenti s-smiegħ tar-rikors kostituzzjonali fejn huwa jallega il-ksur ta' dritt fundamentali tiegħu a bażi ta' l-artikolu 6 ta' l-ewwel skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem in kwantu għar-raġunijiet premessi fl-istess rikors huwa ma attendiex għas-seduta ta' l-Appell Kriminali bil-konsegwenza li l-appell tiegħu ġie dikjarat deżert u daħħlet in effett is-sentenza ta' priġunerija mposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati.

Jitlob għalhekk pendenti l-proċeduri Kostituzzjonali l-għoti tal-ħelsien mill-arrest taħt l-istess kundizzjonijiet ġia fuqu mposti qabel l-appell tiegħu mar deżert.

**Ikkunsidrat:**

Illi in eżami tat-talba hekk imsejħa *interim* il-Qorti tagħmel referenza għal dak li stabbilit l-istess Qorti Ewropea fil-"**Factsheet - Interim measures**" tal-ECHR għal Jannar 2013 fejn wara li ssir referenza għar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR tgħid dwar s-sinjifikat u l-użu tal- proċedura eċċezzjonali *interim* illi -:

---

[2] Folio 8 u11.

*"Interim measures are urgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question. In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition. The Court grants such requests for an interim measure only on an exceptional basis, when the applicant would otherwise face a real risk of serious and irreversible harm ...*

*In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and most concern expulsion and extradition. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the application is being examined. The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would fear for their lives (thus engaging Article 2 of the Convention) or would face ill-treatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading treatment). More exceptionally, such measures may be indicated in response to certain requests concerning the right to a fair hearing (Article 6 § 1) and the right to respect for private and family life (Article 8).*

***In the Court's case-law as it currently stands, Rule 39 is not applied in the following cases : to prevent the imminent demolition of property, imminent insolvency, the enforcement of an obligation to do military service, to obtain the release of an applicant who is in prison pending the Court's decision as to the fairness of the proceedings, to ensure the holding of a referendum, or to prevent the dissolution of a political party."***

**<u>Ġia min hawn wieħed jista' faċilment jiddeduċi lit-talba tar-rikorrenti mhiex waħda sostenibbli taħt ir-regola msemmija.</u>**

Issir ukoll referenza għal dak li jinstab fil-ktieb ta' l-awturi **van Dijk, van Hoof**, **van Rijn u Zwaak** [3] fejn jgħidu illi-:

*"... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated : the facts must prima facie point to a violation of the Convention,* ***and*** *the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination."*

Referenza oħra utli hija dik misjuba fil-ktieb ***A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights****" ta'* ***Karen Reid*** fejn tgħid illi :-

***"As a general practice, measures*** *(riferibbilment għal interim procedure)* ***are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb … While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39*** *(riferribbilment ghar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR)* ***has not been applied save in a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures."*** [4]

Ingħad minn din il-Qorti diversament preseduta fi proċeduri bħal dawn in ezami fl-ismijiet **Jamburu Jara et. vs Kummissarju tal-Pulizija et**.[5]

[3] Pag 113 et seq tal-ktieb "**Theory and Practice of the European Convention on Human Rights**" (Raba` Edizzjoni – 2006.
[4] 4th Edition – Sweet & Maxwell pagna 12 et. Seq.
[5] Rikors Nru 107/2016/1/LSO ta' l-4 ta' Jannar, 2017.

*"Illi l-punti ssollevati mill-intimati gew ikkonsidrati f'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna. Il-Qorti ser taghmel riferenza ghall-principji enuncjati, senjatament in-natura straordinarja ta' mizuri provizorji fl-ambitu ta' drittijiet fondamentali fejn il-Qrati taghna affermaw il-kompetenza taghhom li jaghtu dawn il-mizuri.*

*Hekk ad ezempju fil-kaz fl-ismijiet* ***Raymond Caruana vs L-Avukat Generali, Rik. Nru. 36/03*** *moghtija fit-23 ta' April 2004 il-qorti ikkonsidrat talba ghall-mizura provizorja izda cahhditha wara li kkonsidrat li : "skont il-prassi taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 'interim relief' jinghata meta 'there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm' u generalment jinghata f'kazijiet fejn hemm 'an alleged risk to life or ill treatment' fosthom kazijiet ta' 'deportation' u 'explusion' għal stati fejn ir-riskju ghall-hajja huwa kbir hafna." (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Illi din il-qorti kif diversament presjeduta, fil-kaz* ***Emmanuel Camilleri v Spettur Louise Calleja et*** *(PA (Kost) - per On.Imh.J.R.Micallef - 2 ta' Gunju 2014) enuncjat il-principji legali u dottrinali li ggwidaw il-Qrati taghna fil-materja ta' interim relief :-*

*"Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjon xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;*

*Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li*

*tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet*[6]*;*

*Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita` u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilmen*[7]*t. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu*[8]*. Għalhekk, mhuwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ*[9]*;*

*Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew proviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippregudika l mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha"*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi magħduda dawn l-insenjamenti eluċidati ma' dak li argumentaw l-intimati, din il-Qorti hija tal-ferma opinjoni illi l-proċedura *interim* ma ssibx applikabbilta' fil-każ in eżami. Ġia l-fatt waħdu lir-rikorrenti ħalla daqshekk

---

[6] Ara provvediment P.A. (Kost) AJM 5.10. 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Gauci et vs Avukat Ġenerali et**

[7] Q.E.D.B 6.2. 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Mamatkulov et vs Turkija** (Applik.Nru. 46837/99)$110

[8] **Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak**; IBID

[9] Deg P.A. (Kost) AE 16.4,2014 fil-kawza fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali**.

żmien jiddekorri minn meta l-appell tiegħu mar deżert[10] huwa indikazzjoni aktar minn biżżejjed li huwa ma kienx u ma hux rinfaċċanti ta' xi perikolu irreparabbli u imminenti kontra *life and limb* jew qed tiġrilu xi ħsara kif prospettat f'dak ennunċjat.

Oltre hekk din il-Qorti taqbel ukoll ma' l-argument mressqa mill-Avukat Ġenerali li in kwantu l-ġudikat huwa l-mera tal-verita' fih misjuba; *res judicata pro veritate habetur*, għalhekk ma jafx eċċezzjonijiet u huwa dak li hu sakemm ma jiġix annullat. Wieħed għalhekk ma jistax jitkellem fuq għoti ta' liberta' provvisorja meta ġia hemm kundanna *res judicata* ta' ħabs effettiv.

**Konsegwentement u għar-raġunijiet premessi ma ssibx li tista' tilqa' t-talba kif mressqa lilha u cioe' li Micheal Portelli pendenti is-smiegħ tar-rikors Kostituzzjonali jingħata l-ħelsien mill-arrest u għalhekk TIĊĦAD IT-TALBA.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**

[10] 28 ta' Mejju, 2018